

32001L0112

L 10/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.1.2002

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2001/112/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 2001

## li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>;

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Ċerti Direttivi relatati ma' l-oġġetti ta' l-ikel għandhom jiġu simplifikati sabiex jikkunsidraw mhux biss il-ħtiġijiet essenzjali li jridu jintlaħqu mill-prodotti li jkopru sabiex daww il-prodotti jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles fis-suq intern, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgh fil-11 u t-12 ta' Diċembru 1992, kif inhu kkonfermat minn daww tal-Kunsill Ewropew fi Brussel fil-10 u l-11 ta' Diċembru 1993.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/77/KEE tal-21 ta' Settembru 1993 relatata mal-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili <sup>(4)</sup> kienet maħsuba sabiex tikkodifika d-Direttiva 75/759/KEE <sup>(5)</sup> dwar l-istess suġġett.
- (3) Id-Direttivi 75/726/KEE u 93/77/KEE ġew ġustifikati mil-fatt li d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali li jikkonċernaw il-meraq u nektars tal-frott maħsuba għall-konsum uman jistgħu jirriżultaw f'konkordizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta li jistgħu jqarrqu bil-konsumaturi, u b'hekk għandhom effett dirett fuq it-twaqqif u l-funzjonar tas-suq komuni.
- (4) Id-Direttivi msemija konsekwentement kienu stabbilew regoli komuni li jirregolaw il-komposizzjoni, l-użu ta' deskrizzjonijiet riservati, speċifikazzjonijiet ta' manifat-tura u tikkettjar tal-prodotti kkonċernati, sabiex jiżguraw il-moviment ħieles tagħhom fi ħdan il-Komunità.
- (5) Għar-raġuni ta' ċarezza, id-Direttiva 93/77/KEE għandha terġa' tiġi abbozzata sabiex tagħmel ir-regoli dwar il-kondizzjonijiet ta' manifat-tura u marketing għall-meraq ta' frott u ċerti prodotti simili aktar aċċessibbli.
- (6) Id-Direttiva 93/77/KEE għandha wkoll tiġi taqbel mal-leġislazzjoni ġenerali dwar l-oġġetti ta' l-ikel, b'mod partikolari l-leġislazzjoni dwar l-ittikkettjar, materjal li jagħti l-kulur, *sweeteners* u addittivi awtorizzati.
- (7) Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mat-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-riklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel <sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u (5) tagħha, għandha tapplika suġġetta għal ċerti kondizzjonijiet. Għandu jkun indikat b'mod ċar meta prodott huwa taħlita ta' meraq tal-frott u meraq tal-frott minn konċentrat, u, għannektar tal-frott, meta jinkiseb kollu kemm hu jew parti minnu minn prodott ikkonċentrat. Il-lista ta' ingredjenti fl-ittikkettjar fiha l-ismijiet sew tal-meraq tal-frott kif ukoll meraq tal-frott minn konċentrat użat.
- (8) Suġġett għad-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE ta' l-24 ta' Settembru 1990 dwar l-ittikkettjar tan-nutrimet għall-oġġetti ta' l-ikel <sup>(7)</sup>, iż-żieda ta' vitamini mal-prodotti ddefiniti permezz ta' din id-Direttiva hija permessa fxi Stati Membri. Iżda, l-estensjoni ta' din il-possibbiltà lill-Komunità kollha m'hijiex prevista. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma ħielsa li jawtorizzaw jew jipprojbixxu iż-żieda ta' vitamini u anke minerali bħala parti mill-proċess ta' manifat-tura. Fiċ-ċirkustanzi kollha, iżda, il-prinċipju ta' moviment ħieles ta' prodotti fi ħdan il-Komunità għandu jkun osservat f'konformità mar-regoli u prinċipji stabbiliti fit-Trattat.
- (9) Skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità mwaqqfa bl-Artikolu 5 tat-Trattati, l-oġġetti li jitqiegħdu definizzjonijiet komuni u regoli għall-prodotti kkonċernati u jinġiebu f'linja mal-leġislazzjoni ġenerali dwar l-oġġetti ta' l-ikel ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista' għaldaqstant, minħabba n-natura ta' din id-Direttiva, jinkiseb aħjar mill-Komunità. Din id-Direttiva ma titbighedx minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-imsemmija għanijiet. T
- (10) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati in konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KEE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tpoġġi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(8)</sup>.
- (11) Sabiex ma jinħolqux barrieri ġodda għall-moviment ħieles, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jadottaw, għall-prodotti in kwestjoni, dispożizzjonijiet nazzjonali li m'hemmx approvdut għalihom permezz ta' din id-Direttiva,

<sup>(1)</sup> ĠU C 231, tad-09.08.1996, p. 14.

<sup>(2)</sup> ĠU C 279, ta' l-1.10.1999, p. 92.

<sup>(3)</sup> ĠU C 56, ta' l-24.02.1997, p. 20.

<sup>(4)</sup> ĠU L 244, tat-30.9.1993, p. 23. Direttiva kif ġiet emendata l-Aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994.

<sup>(5)</sup> ĠU L 311, ta' l-1.12.1975, p. 40.

<sup>(6)</sup> ĠU L 109, tas-06.05.2000, p. 29.

<sup>(7)</sup> ĠU L 276, tas-06.10.1990, p. 40.

<sup>(8)</sup> ĠU L 184, tas-07.07.1999, p. 23.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

### Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tgħodd għall-prodotti ddefiniti fl-Anness I.

### Artikolu 2

L-Istati Membri jistgħu, suġġett għad-Direttiva 90/496/KEE, jawtorizzaw iż-żieda ta' vitamini u minerali mal-prodotti ddefiniti fil-parti I ta' l-Anness tagħha.

### Artikolu 3

Id-Direttiva 2000/13/KE għandha tgħodd għall-prodotti ddefiniti fl-Anness I, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. (a) L-ismijiet ta' prodotti mniżżla fl-Anness I għandhom japplikaw biss għall-prodotti li ssir referenza għalihom fih u għandhom, mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b), jintużaw fil-kummerċ sabiex jingħarfu.
- (b) Bħala alternattiva għall-ismijiet tal-prodotti li saret referenza għalihom fis-subparagrafu (a), l-Anness III jipprovdi lista ta' nomini partikolari. Dawn in-nomni jistgħu jintużaw fil-lingwa u bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III.
2. Jekk il-prodott jiġi minn tip wieħed ta' frott, l-isem ta'dan ta' l-aħħar għandu jkun sostitut għall-kelma "frott".
3. Għall-prodotti manifatturati minn żewġ frottiet jew aktar, ħlief fejn jintuża l-meraq tal-lumi taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-parti II.1 ta' l-Anness I, l-ismijiet tal-prodott għandhom ikunu supplimentati minn lista tal-frott użat, f'ordni nieżla tal-volum tal-meraq jew *purees* ta' frott użat. Iżda, fil-każ ta' prodotti mmanifatturati minn tliet frottiet jew aktar, l-indikazzjoni tal-frott użat tista' tinbidel bil-kliem "ħafna frott" jew kliem simili, jew minn numru ta' frott użat.
4. Għal meraq ta' frott li ngħataw il-ħlewwa biż-żieda taz-zokkrijiet, l-isem tal-bejgħ għandu jinkludi l-kelma "sweetened" jew "biz-zokkor miżjud", segwit minn indikazzjoni tal-kwantità ta' zokkor miżjud, ikkalkulat bħala materja xotta u espressa fi grammi għal kull litru.
5. Ir-ristawrazzjoni tal-prodotti definiti fil-parti I ta' l-Anness I għall-istat naturali tagħhom, permezz tas-sustanzi stretta-ment meħtieġa għal din l-operazzjoni, m'għandhiex tinvolvi obbligu li jkun hemm lista ta' ingredjenti użati miktuba fuq it-tikketti għal dan il-għan.

Iż-żieda ta' polpa jew ċelloli żejda mal-meraq tal-frott kif iddefinit fl-Anness II għandha tkun indikata fuq it-tikketta.

6. Mingħajr preġudizzju lill-Artikolu 7(2) u (5) tad-Direttiva 2000/13/KE għal taħlit ta' meraq tal-frott u meraq tal-frott minn konċentrat, u għal nektar tal-frott miksub kollu jew

parzjalment minn prodott ikkonċentrat wieħed jew aktar, it-tikketta għandha tinkludi l-kliem "magħmul b'konċentrat(i)" jew "magħmul parzjalment b'konċentrat(i)", kif inhu xieraq. Dik l-informazzjoni għandha tinkiteb viċin ta' l-isem tal-prodott, li tispikka minn kull sfond, f'karattri li jidher b'mod ċar.

7. Għal nektars ta' frott, it-tikkettjar għandu jindika l-kontenut minimu ta' meraq tal-frott, *puree* tal-frott jew kull taħlita ta' dawn l-ingredjenti, bid-dikjarazzjoni "kontenut ta' frott: ... % minimu". Dik l-informazzjoni għandha tinsab fl-istess qasam ta' viżjoni li fih jinsab l-isem tal-prodott.

### Artikolu 4

L-ittikkettjar tal-meraq tal-frott ikkonċentrat li saret referenza għalih fil-parti I punt 2 ta' l-Anness I mhux maħsub għall-forniment lill-konsumatur aħħari u għandu jkollu fuq referenza li tindika l-preżenza u kwantità ta' zokkrijiet miżjuda, jew meraq tal-lumi miżjud jew aġenti aċidifikanti kif inhu permess bid-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi ta' l-ikel altru minn kuluri u *sweeteners* <sup>(1)</sup>. Din ir-referenza għandha tidher fuq il-pakkett, fuq tikketta mwaħħla mal-pakkett jew fuq dokument li jakkumpanja l-prodott.

### Artikolu 5

Għall-prodotti ddefiniti fl-Anness I, l-Istati Membri m'għandhomx jadottaw disposizzjonijiet nazzjonali li m'humix elenkati f'din id-Direttiva.

### Artikolu 6

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li tikkonċerna l-addittivi awotirzzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum uman <sup>(2)</sup>, jistgħu jintużaw biss it-trattamenti u sustanzi mniżżla fil-parti II ta' l-Anness I u l-materja prima li jikkonformaw ma' l-Anness II sabiex jiġu mmanifatturati l-prodotti definiti fil-parti I ta' l-Anness I. Bara minn hekk, in-nektars tal-frott għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness IV.

### Artikolu 7

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva relatati ma' l-argumenti li ssir referenza għalihom hawn taħt għandhom jiġu adottati in konformità mal-proċedura regolatorja li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 8(2):

— li din id-Direttiva tinġieb in konformità mal-leġislazzjoni ġenerali dwar l-oġġetti ta' l-ikel,

— adattazzjonijiet għall-progress tekniku.

<sup>(1)</sup> ĠU L 61, tat-18.03.1995, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 98/72/KE (ĠU L 295, ta' l-04.11.1998, p. 18).

<sup>(2)</sup> ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/34/KE (ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p.1).

*Artikolu 8*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti għall-Oġġetti ta' l-Ikel (minn hawn ' il quddiem imsejjaħ "il-kumitat") imwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 69/414/KEE <sup>(1)</sup>.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jgħoddu.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 9*

Id-Direttiva 93/77/KEE titħassar b'effett mit-12 ta' Lulju 2003.

Referenzi għad-Direttiva li ġiet imħassra għandhom jiġu analizzati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 10*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel it-12 ta' Lulju 2003. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih dwar dan.

Il-miżuri għandhom jiġu applikati sabiex:

— jawtorizzaw il-*marketing* tal-prodotti ddefiniti fl-Anness I jekk jikkonformaw mad-definizzjonijiet u regoli stabbiliti f'din id-Direttiva, b'effett mit-12 ta' Lulju 2003,

— jipprojbixxu l-*marketing* ta' prodotti li jonqsu milli jikkonformaw ma' din id-Direttiva, b'effett mit-12 ta' Lulju 2004.

Iżda, il-*marketing* ta' prodotti li jonqsu milli jikkonformaw ma' din id-Direttiva iżda kienu ttikkettjati qabel it-12 ta' Lulju 2004 in konformità mad-Direttiva 93/77/KEE jista' jkompli sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom ikollhom fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jitpoġġew mill-Istati Membri.

*Artikolu 11*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ dak in-nhar li tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 12*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

C. PICQUÉ

<sup>(1)</sup> ĠU L 291, tad-19.11.1969, p. 9.

## L-ANNEX I

## ISMJIET TA' PRODOTTI, DEFINIZZJONIJIET TA' PRODOTTI U KARATTERISTIĊI

## I. DEFINIZZJONIJIET

1. (a) **Meraq tal-frott**

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub minn frott li huwa fsahhtu u misjur, frisk jew ippreservat bil-kesħa, ta' tip wieħed jew aktar imħallat flimkien, li għandu l-istess kulur, palat u togħma karatteristika tipika tal-meraq tal-frott li jiġi minnu. Palat, polpa u ċelloli mill-meraq li jiġu sseparati waqt l-iġġerjar jistgħu jingħataw lura lill-istess meraq.

Fil-kas ta' frott taċ-ċitru, il-meraq tal-frott għandu jiġi mill-endokarpu. Il-meraq tal-lajm, iżda, jista' jinkiseb mill-frotta sħiħa, bi proċessi xierqa ta' produzzjoni, li bihom il-proporzjon tal-kostitwenti tal-parti ta' barra tal-frotta titnaqqas għal minimu.

(b) **Meraq tal-frott minn konċentrat**

Il-prodott miksub billi jintefa' lura fil-meraq ta' frott ikkonċentrat l-ilma maħruġ minn dak il-meraq waqt il-konċentrazzjoni, u jintefgħu lura l-palati, u, jekk xiearq, il-polpa u ċ-ċelloli li ntilfu mill-meraq iżda regħghu ngħabru waqt il-proċess ta' produzzjoni tal-meraq tal-frott in kwestjoni jew tal-meraq tal-frott ta' l-istess tip. L-ilma miżjud għandu juri karatteristiċi xierqa, partikolament mill-lati kimiċi, mikrobijoloġiċi u organoleptiċi, b'tali mod sabiex jiggarrantixxu l-kwalitajiet essenzjali tal-meraq.

Il-prodotti miksuba b'hekk għandhom juru karatteristiċi organolettiċi u analitiċi mill-inqas ekwivalenti għal dawk ta' tip ta' meraq medju miksub minn frott ta' l-istess tip fi ħdan it-tifsira ta' (a).

2. **Meraq ta' frott ikkonċentrat**

Il-prodotti miksuba minn meraq tal-frott ta' tip wieħed jew aktar bit-tneħħija fiżika ta' proporzjon speċifika tal-kontenut ta' l-ilma. Fejn il-prodott huwa maħsub għall-konsum dirett, dik it-tneħħija għandha tkun ta' mill-inqas 50 %.

3. **Meraq tal-frott innixxeff/traf**

Il-prodott miksub minn meraq tal-frott ta' tip wieħed jew aktar bit-tneħħija fiżika ta' kważi l-kontenut kollu ta' l-ilma.

4. **Nektar tal-frott**

(a) Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub biż-żieda ta' ilma u zokkor u/jew għasel mal-prodotti ddefiniti fil-punti 1, 2 u 3, mal-puree tal-frott jew ma' taħlita ta' dawk il-prodotti, dak il-prodott, barra minn hekk, jilħaq il-ħtiġijiet ta' l-Anness IV.

Iż-żieda ta' zokkor u/jew għasel huwa permessa sa' 20 % tal-piż totali tal-prodott lest.

Fejn in-nektars ta' frott huma mmanifatturati mingħajr zokkor miżjud jew b'valur baxx ta' enerġija, iz-zokkrijiet jistgħu jinbidlu kollha jew parzjalment bi *sweeteners*, in konformità mad-Direttiva 94/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar *sweeteners* għall-użu fl-affarijiet ta' l-ikel<sup>(1)</sup>.

(b) Permezz ta' deroga minn (a), il-frott inniżżel f'parti II u III ta' l-Anness IV u berquq jistgħu jintużgħu, individwalment jew imħalltin flimkien, sabiex jiġu mmanifatturati nektars mingħajr iż-żieda ta' zokkor, għasel u/jew *sweeteners*.

## II. INGREDJENTI AWOTRIZZATI, TRATTAMENTI U SUSTANZI

1. **Ingredjenti awtorizzati**

— Skond l-Artikolu 2, iż-żieda ta' vitamini u minerali tista' tkun awtorizzata fil-każ tal-prodotti ddefiniti fil-Parti I, suġġett għad-Direttiva 90/496/KEE.

— Palat, polpa u ċelloli mitfugħin lura mal-meraq tal-frott definit fil-parti I.1(a) għandhom ikunu separati minn dak il-meraq waqt il-proċess, billi l-palat, polpa u ċelloli mitfugħin lura mal-meraq tal-frott definit fil-parti I.1(b) jista' jkun ukoll mill-meraq tal-frott ta' l-istess tip.

Għall-meraq tal-frott biss, jistgħu jintefgħu lura l-imluħa ta' l-aċidi tartariċi.

(<sup>1</sup>) ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 3. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/83/KE (ĠU L 48, tad-19.2.1997, p. 16).

- Għall-prodotti ddefiniti fil-parti I.1, 2 u 3, altru mill-meraq tal-lanġas jew għeneb, iż-żieda ta' zokkrijiet hija awtorizzata
    - sabiex tiġi rregolata t-togħma aċiduża, il-kwantitajiet ta' zokkrijiet miżjuda, espressi bħala materja xotta, ma jistgħux ikunu aktar minn 15-il gramma għal kull litru ta' meraq.
    - għall-għanijiet ta' ħlewwa, il-kwantità ta' zokkrijiet miżjuda, espressi bħala materja xotta, ma' jistgħux ikunu aktar minn 150 g għal kull litru ta' meraq.

iżda l-ammont ta' zokkor totali miżjud sew sabiex tiġi rregolata t-togħma aċiduża u għall-għanijiet ta' ħlewwa ma' jistax ikun aktar minn 150 g għal kull litru.
  - Għall-prodotti ddefiniti fil-parti I.1, 2, 3 u 4, sabiex tiġi rregolata t-togħma aċiduża, iż-żieda ta' meraq tal-lumi u/jew meraq tal-lumi kkonċentrat sa 3 g għal kull litru ta' meraq, espress bħala aċidu ċitriku anidru, huwa awtorizzat.
  - Id-dijossidu tal-karbonju, bħala ingredjent, huwa awtorizzat.
- Iż-żieda sew taz-zokkor u tal-meraq tal-lumi, sew jekk ikkonċentrat u sew jekk le, jew aġenti għall-aċidifikazzjoni kif inhu permess bid-Direttiva 95/2/KE għall-istess meraq tal-frott hija pprojbita.

## 2. Trattamenti u sustanzi awtorizzati

- Proċessi ta' estrazzjoni mekkanika
- Il-proċessi fiżiċi tas-soltu, li jinkludu estrazzjoni bl-ilma *in-line (diffusion)* tal-parti tal-frott li tittiekel altru mill-għeneb fil-manifattura tal-meraq tal-frott ikkonċentrat, sakemm il-meraq tal-frott ikkonċentrat miksuba b'hekk jikkonformaw mal-parti I.1. L-użu ta' ċerti proċessi u trattamenti jistgħu jkunu limitati jew ipprojbiti in konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 8(2).
- Għall-meraq ta' l-għeneb, fejn ikun intuża *s-sulfitation* bid-dijossidu tal-kubrit ta' l-għeneb, id-*desulfitation* b'mezzi fiżiċi huwa awtorizzat, sakemm il-kwantità totali ta' SO<sub>2</sub> preżenti fil-prodott finali ma tkunx aktar minn 10 mg/l.
- Enzimi *pectolytic*.
- Enzimi *proteolytic*.
- Enzimi *amylolytic*.
- ġelatina li tittiekel,
- Tannins.
- Bentonite.
- Silicon aerogel.
- Charcoal.
- Chemically inert filtration adjuvant u aġenti tal-preċipitazzjoni (eż. perlite, washed diatomite, cellulose, insoluble polyamide, polyvinylpyrrolidone, polystyrene), li jħarsu d-Direttivi tal-Komunità dwar materjali u affarijiet maħsuba li jiġu f'kontatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel.
- *Chemically inert adsorption adjuvants* li jħarsu d-Direttivi dwar materjali u affarijiet li maħsuba li jiġu f'kontatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel, u li jintużaw sabiex inaqqsu l-kontenut ta' *limonoid* u *narinġin* fil-frott taċ-ċitru mingħajr ma jaffettwa sinjifikament il-*limonoid glucosides*, aċidu, zokkrijiet (li jinkludu l-*oligosaccharides*) jew kontenut minerali.

## L-ANNEX II

## DEFINIZZJONIJIET TA' MATERJI PRIMI

Għall-iskopjiet ta' din id-Direttiva it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

## 1. Frott

Il-frott kollu. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, it-tadam m'huwiex ikkunsidrat bħala frott.

2. *Puree* tal-frott:

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub billi tissaffa l-parti li tittiekel minn frott sħiħ jew imqaxxar mingħajr ma jitneħħa l-meraq.

3. *Puree* konċentrat tal-frott:

Il-prodott miksub mill-*puree* tal-frott bit-tneħħija fiżika ta' proporzjon speċifiku mill-kontenut ta' l-ilma tiegħu.

## 4. Zokkrijiet

Għall-produzzjoni ta':

## (a) nektars tal-frott:

- zokkrijiet kif inhuma ddefiniti bid-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 relatati ma' ċertu zokkrijiet maħsuba għall-konsum uman <sup>(1)</sup>
- ġulepp tal-*fructose*.
- zokkrijiet miksuba mill-frott;

## (b) meraq tal-frott minn konċentrat:

- zokkrijiet kif iddefiniti bid-Direttiva 2001/111/KE,
- ġulepp tal-*fructose*.

## (c) meraq tal-frott: iz-zokkrijiet imniżżlin f'(b) li fihom anqas minn 2 % ilma.

## 5. Għasel

Il-prodotti definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 relatati ma' l-għasel <sup>(2)</sup>.

## 6. Polpa jew ċelloli

Il-prodotti miksuba mill-partijiet li jittieklu tal-frott ta' l-istess tip mingħajr ma jitneħħa l-meraq. Barra minn hekk, għall-meraq taċ-ċitru, il-polpa jew ċelloli huma l-boroż tal-meraq miksuba mill-endokarpu.

<sup>(1)</sup> Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> Ara paġna 47 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

## L-ANNEX III

## NOMINI PARTIKOLARI GĦAL ĊERTI PRODOTTI MNIŻŻLIN FL-ANNEX I

- (a) “vruchtendrank”, għal nektars tal-frott;
- (b) “Süßmost”  
Id-deskrizzjoni “Süßmost” tista' tintuża biss flimkien ma' l-ismijiet tal-prodott “Fruchtsaft” jew “Fruchtnektar”;  
— għal nektar tal-frott misub esklussivament minn meraq tal-frott, meraq tal-frott ikkonċentrat jew taħlita ta' dawn il-prodotti, li m'għandhomx toġhma tajba fl-istat naturali tagħhom minħabba l-aċidità għolja tagħhom,  
— għal meraq tal-frott miksub mil-laṅgas, biż-żieda ta' tuffieħ fejn xieraq, iżda mingħajr zokkor miżjud;
- (ċ) “succo e polpa” jew “sumo e polpa”, għal nektars tal-frott miksuba esklussivament minn *puree* tal-frott u/jew *puree* tal-frott ikkonċentrat;
- (d) “æblemost”, għall-meraq tat-tuffieħ mingħajr zokkor miżjud;
- (e) — “sur ... saft”, flimkien ma' l-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq mingħajr zokkor miżjud miksub minn ribes, ċirasa, *redcurrants*, *whitecurrants*, lampun, frawli jew *elderberries*,  
— “sød ... saft” jew “sødet ... saft” flimkien ma' l-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq miksub minn dan il-frott, b'aktar minn 200 g zokkor miżjud ma' kull litru;
- (f) “äpplemust”, għal meraq tat-tuffieħ mingħajr zokkor miżjud;
- (g) “mosto”, sinonima ta' meraq ta' l-ġheneb.
-

## L-ANNEX IV

## DISPOZZJONIJET SPEĊJALI RELATATI MA' NEKTARS TAL-FROTT

Nektars tal-frott magħmulha minn	Kontenut minimu ta' meraq u/jew puree (% ta' volum tal-prodott lest)
<b>I. Frott b'meraġ aċidiku li m'għandux toġhma tajba fl-istat naturali</b>	
Passion fruit	25
Quito naranjillos	25
Ribes	25
Whitecurrants	25
Redcurrants	25
Gooseberries	30
Sallow-thorn berries	25
Sloes	30
Għanbaqar	30
Quetsches	30
Rowanberries	30
Rose hips	40
Ċirasa morra	35
Ċirasa oħra	40
Mirtilli	40
Sebuq	50
Lampun	40
Berquq	40
Frawli	40
Ċawsli/blackberries	40
Cranberries	30
Sfarġel	50
Lumi u lajm	25
Frott ieħor ta' din il-kategorija	25
<b>II. Frott ta' aċidità baxxa, b'ħafna polpa jew toġhma qawwija b'meraġ li m'għandux toġhma tajba fl-istat naturali tiegħu</b>	
Mangu	25
Banana	25
Gwava	25
Papayas	25
Lychees	25
Azeroles (Naspli Neapolitan)	25
Soursop	25
Bullock's heart jew custard apple	25
Tuffieħ taz-zokkor	25
Rummien	25
Cashew fruits	25
Għanbaqar spanjol	25
Umbu	25
Frott ieħor ta' din il-kategorija	25



Nektars tal-frott magħmulha minn	Kontenut minimu ta' meraq u/jew puree (% ta' volum tal-prodott lest)
<b>III. Frott b'meraq ta' toġhma tajba fl-istat naturali</b>	
Tuffieħ	50
Lanġas	50
Ħawħ	50
Frott taċ-ċitru ħlief lumi u lajm	50
Ananas	50
Frott ieħor ta' din il-kategorija	50